MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1653/2005

**Sun Chemicals Limited**
**vs**

**Christopher Sammut**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija sebgha u sebghin lira Maltija (Lm177) rapprezentanti valur ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, b'l-imghaxx mid-data tal-fatturi u b'l-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2005.

Ra n-nota tas-socjeta attrici, prezentata waqt is-seduta tas-3 ta’ Ottubru 2005, li biha cediet il-mertu pero zammet ferm l-imghaxx u l-kap ta’l-ispejjez.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2 u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fid-19 ta’ Awissu 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------